

# Il-Każin tal-Banda Madwar 60 sena ilu

kitba ta' Sunny Aquilina

Mill-bandisti u membri żgħażagħ probabbli li ftit jafu li sittin sena ilu l-każin kien f'post fejn illum hemm ir-*Rialto* kantuniera ma' Triq il-Gendus. Il-Każin dam hemmhekk sa l-1952 meta mbagħad beda jitwaqqa' minħabba x-xogħol tar-rikostruzzjoni.

## Il-Każin fi Triq Santa Tereża, illum Triq il-Pellegrinaġġ

Sittin sena ilu l-banda kellha l-każin tagħha fi Triq il-Pellegrinaġġ. Dak iż-żmien Triq Santa Tereża, fejn hemm il-bieb tar-Rialto. Jien għandi idea ta' dak il-każin billi minn ċkuniti kont immur ma' missieri, li l-każin u l-banda kienu mhux passatemp imma l-passjoni tiegħu. Niftakar it-taraġ bl-arkati fuq ġewwa, is-swali tal-*billiard* u ta' fuq nett. Is-sala l-kbira kienet tilqgħek u kien ikun fiha għaxqa fil-festa u sala oħra qabilha li fiha niftakar lis-Surmast Bellizzi jikkunċerta. Niftakar ukoll il-*bottegin,* fuq, bil-membri jieħdu xi te u pasta jew flixkun birra. Fil-każin għad hemm ritratti b'tifkira ta' dak il-każin. Żgur li hemm ritratt tal-faċċata armata, b'tifkira tal-Papa Piju XI fl-1929 u sett ta' ritratti tas-Sala l-Kbira li kellha friż bil-pittura u kienet eleganti ħafna. F'din is-sala ttieħed ritratt storiku, fost ritratti oħra tal-Vista Pastorali fl-1949, ta' Mons. Mikiel Gonzi, Arċisqof u l-Perit Dom Mintoff li kien sar President fl-1948. Il-Presidenti ta' qablu wara l-gwerra kienu, l-Prof. Carmelo Mifsud Bonnici (1930–1946) u l-Prof. Ġużè Ellul (1946–1948).

Ta' min isemmi li minn ta' dak il-każin għad għandna fil-każin tal-lum, is-suffett tal-kuridur ta' fuq u s-sala tal-Kumitat, il-gastri ta' mal-ħajt li hemm fit-taraġ u ċ-ċmien ta' taħt l-inkwadri kbar ta' San Ġorġ,

Santa Ċecilja u l-Gran Mastru Nikol Cotoner u l-bieb sabiħ tas-Sala ewlenija Marija Immakulata. Baqa' wkoll it-tiżjin tal-kappella u l-kwadru tal-Qalb ta' Ġesù mpitter mis-Surmast Ġużeppi Caruana, (Ta' Marċjol), pittur u skultur Bormliż. Dan barra l-mejda tal-kewkba li fuqha jiltaqa' l-kumitat, il-vetrina l-antika tat-tazzi, tassew kapolavur fl-injam u l-arkivju artistiku li kien sar fl-1902 minn Franġisk Camilleri (Oboista) fuq disinn ta' Abram Gatt. Inġiebu wkoll sopraporti u żewġ inkwadri b'żewġ standardi antiki, wieħed tal-Kunċizzjoni u l-ieħor ta' San Ġorġ, li probabbli kien l-istandard tal-banda għax l-emblema għadha l-istess fuq l-istandard tal-lum. Ta' min isemmi hawnhekk li waqt li kienu qegħdin iżarmaw is-suffett tas-sala l-kbira l-antika, kien ċeda l-armar u weġġgħu missieri, Leli Aquilina, Frans X. Vella u Ġużeppi Camilleri (It-Twil). Missieri kien ħabat l-agħar għax sa kienu ġabulu lil Dun Ġorġ u wara wassluh id-dar. Kien kiser idu u dam xi ftit ma ġie f'tiegħu u sata' jaħdem wara għadd ta' ġimgħat.

## Il-Pellegrinaġġ Kolossali tad-19 ta' Novembru, 1944

Fis-snin qliel u ħorox tal-gwerra l-każin kellu jieqaf mill-funzjoni tiegħu u l-bandisti u l-membri xterdu f'diversi bliet u rħula 'l hemm u 'l hawn. Il-każin ukoll intlaqat u kellu xi ħsarat imma ma waqax. Wara l-gwerra bil-ħila ta' xi ndividwi reġgħet bdiet tqum l-attività fil-każin u żgur li l-fjamma bdiet tħeġġeġ sew qrib il-jum storiku u reliġjuż tad-19 ta' Novembru, 1994. F'dak il-jum memorabbli, il-vara titulari u devota u l-kwadru nkurunat ta' l-Immakulata Kunċizzjoni nġiebu f'Pellegrinaġġ b'wegħda talli l-knisja parrokkjali baqgħet wieqfa tul is-snin ħorox tal-gwerra. Kien pellegrinaġġ kolossali kif jixhdu r-ritratti b'eluf kbar ta' nies li mxew mill-Kolleġġjata ta' Birkirkara lejn il-Kolleġġjata ta' Bormla jakkumpanjaw lill-vara u l-kwadru tul it-triq kollha, xi tmien sigħat! Daqqew diversi baned u l-Banda ta' Bormla tat tislima xierqa lill-Omm Beltna minn kif daħlet trijonfali f'beltha u mat-toroq ta' Bormla! Mal-mina ta' Għajn Dwieli kien hemm kitba li tgħid li Bormla ferħana tilqa' lill-Immakulata. Dan kien ifisser qawmien ġdid mit-tifrik, kemm għall-Bormliżi kif ukoll għall-każin tal-Banda. Naturalment il-Banda reġgħet ħadet sehem bid-daqq tagħha fl-ewwel festa ta' wara l-gwerra. Bormla kienet għadha mfarrka mill-ġrieħi li ġarrbet fis-snin ħorox tal-gwerra imma qamet mill-ġdid!

## Qawmien mill-ġdid!

Is-surmast tal-Banda wara l-gwerra kien Francesco Bellizi, li l-istoriku Charles Galea Scannura, f'*L-Istorja tal-Banda ta' Bormla – Leħen il-Banda San Ġorġ* (1987), jgħarrafna li kien ukoll idderieġa fost baned oħra lill-Banda La Vallette u kien magħruf bħala Direttur tal-Banda ta' Ammiral f'Malta, li kienet kariga importanti. Kien ukoll ingħażel Direttur Mużikali tal-*Malta Symphony Orchestra* u dderieġa fit-Teatru Rjal. Il-banda reġgħet bdiet idoqq ukoll barra beltna u fl-1946 ħarġu madwar 20 bandist fosthom Carmelo Ciantar li wara laħaq Surmast fis-snin 70 u 80. Ta' min isemmi wkoll lil Pawlu Gauci li wara wkoll laħaq Surmast fis-snin 50 u 60 u lil Manuel Cauchi li kien ukoll Assistent Surmast. Il-Banda daqqet ukoll fl-1948 meta nfetħet Triq it-8 ta' Diċembru, madwar ix-Xgħira ta' Bormla. Ta' din l-okkażjoni wkoll hemm ritratt il-każin. Bandisti ġodda oħra ħarġu jdoqqu fis-snin ta' wara u l-banda kompliet tikber. Kellha wkoll amministraturi fil-Kumitat li ħadmu kemm setgħu għall-każin.

## Fil-Festa

Kienu jsiru attivitajiet, fosthom tombli biex il-każin jieħu r-ruħ. Niftakar darba saret ikla fil-Milied u kienu jagħmlu xi kaxxa ċikkulatini lotterija fil-każin stess. Meta tasal il-festa l-kunċerti kienu jkunu ilhom li bdew u naturalment bosta drabi kien ikun hemm marċi ġodda. Il-każin kien jintrama mill-aħjar għall-jiem tal-festa. Kellu twieqi u bejt jagħtu kemm fuq Triq Santa Tereża kif ukoll fuq it-Triq tal-Baqar, kif kienu jsibuha dak iż-żmien. Il-bejt kellu l-arkati u wkoll turretta li minn fuqha kienu jisparaw il-murtali. Minn fuq dan il-bejt ma kenitx tonqosx il-musketterija kif tasal il-vara devota u għanja tal-Kunċizzjoni Immakulata fis-Suq il-qadim, Pjazza Paolino Vassallo. Hawn, kif għadu jsir sa żminijietna, il-kant u l-Bormliżi jagħtu tislima lill-Immakulata fi pjazza mimlija nies.

L-aħħar sena ta' dan il-każin l-antik, li llum ftit għadhom dawk li jiftakruh, kienet l-1952, meta ttieħdu set ta' ritratti ta' tifkira li għadna ngawdu sal-lum. Kienu għaqlin missirijietna li ħadu ħsieb jieħdu dawn ir-ritratti li għadhom tifkira tal-każin l-antik li ma baqa' xejn minnu ħlief dak li ġie trasferit, dawn ir-ritratti u l-memorji. Din ukoll hija parti mill-istorja tal-każin tagħna u żgur li ġġib nostalġija lill-membri u Bormliżi anzjani li jiftakru dak il-każin l-antik!